



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0184/2022(INI)**

21.6.2022

# **RAPPORT**

dwar is-sahha mentali fl-UE fl-era digitali  
(2021/2098(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Maria Walsh

PR\_INI

## WERREJ

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	20
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	22
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	23

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar is-saħħa mentali fl-UE fl-era digitali (A9-0184/2022(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 4, 6, 9, 114, 153, 169 u 191 u, b'mod partikolari, l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 14, 15, 21, 31, 32 u 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-prinċipju 10 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija tan-NU dwar is-saħħa mentali u l-benesseri tal-2018,
- wara li kkunsidra l-manifest tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) għal irkupru f'saħħtu mill-COVID-19 tat-18 ta' Mejju 2020,
- wara li kkunsidra l-Jum Dinji tas-Saħħa Mentali 2021 tad-WHO – "Kura tas-saħħa mentali għal kulħadd: ejjew nagħmluha realtà",
- wara li kkunsidra l-qafas ta' azzjoni Ewropew tad-WHO dwar is-saħħa mentali għall-2021-2025,
- wara li kkunsidra l-istudju dwar il-politika tas-saħħa tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tat-8 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "A New Benchmark for Mental Health Systems: Tackling the Social and Economic Costs of Mental Ill Health" (Punt ta' Riferiment Ġdid għas-Sistemi tas-Saħħa Mentali: l-Indirizzar tal-Ispejjeż Soċjali u Ekonomiċi tal-Mard Mentali) u r-rieżami tas-saħħa mentali u tax-xogħol tal-4 ta' Novembru 2021 bit-titolu "Fitter Minds, Fitter Jobs: from Awareness to Change in Integrated Mental Health, Skills and Work Policies" (Imħuħ aktar b'saħħithom, Xogħol aktar b'saħħtu: minn Sensibilizzazzjoni għal Bidla fil-Politiki Integrati dwar is-Saħħa Mentali, il-Ħiliet u x-Xogħol),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-

---

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

persuni li jindukraw<sup>2</sup>,

- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 89/654/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol<sup>7</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'taġħmir li għandu display screen<sup>8</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha<sup>9</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2020 dwar l-istrateġija tal-UE dwar is-saħħa pubblika wara l-COVID-19<sup>10</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-dritt għall-iskonnessjoni<sup>11</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2022 dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażaġħ Ewropej: l-impjiegi u l-irkupru soċjali wara l-pandemija<sup>12</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi, drittijiet u protezzjoni soċjali għall-ħaddiema tal-pjattaformi – forom ġodda ta' impjieg marbuta mal-iżvilupp diġitali<sup>13</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar l-ekonomija

---

<sup>2</sup> ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79.

<sup>3</sup> ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70.

<sup>4</sup> ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

<sup>5</sup> ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9.

<sup>6</sup> ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU L 393, 30.12.1989, p. 1.

<sup>8</sup> ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14.

<sup>9</sup> ĠU C 316, 6.8.2021, p. 2.

<sup>10</sup> ĠU C 371, 15.9.2021, p. 102.

<sup>11</sup> ĠU C 456, 10.11.2021, p. 161.

<sup>12</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0045.

<sup>13</sup> ĠU C 117, 11.3.2022, p. 53.

- tal-benesseri<sup>14</sup>, li jappellaw għal strateġija komprensiva tal-UE dwar is-saħħa mentali,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2020 dwar it-titjib tal-benesseri fuq il-post tax-xogħol,
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 Ġunju 2021 bit-titolu "Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 – Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel" (COM(2021)0323),
  - wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2005 bit-titolu "It-titjib tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni – Lejn strateġija għall-Unjoni Ewropea dwar is-saħħa mentali" (COM(2005)0484),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2021 bit-titolu "Employment and Social Developments in Europe – towards a strong social Europe in the aftermath of the COVID-19 crisis: reducing disparities and addressing distributional impacts" (L-Iżviluppi tal-Impjieġ u Soċjali fl-Ewropa - lejn Ewropa soċjali b'saħħitha wara l-kriżi tal-COVID-19: it-tnaqqis tad-disparitajiet u l-indirizzar tal-impatti distributtivi),
  - wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għas-Saħħa u l-Benesseri Mentali tal-2008,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ tas-17 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Beyond Lockdown: the 'pandemic scar' on young people" (Lil hinn mil-lockdown: il-"ferita tal-pandemija" fuq iż-żgħażaġħ),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound tad-9 ta' Novembru 2021 bit-titolu "Impact of COVID-19 on young people in the EU" (L-impatt tal-COVID-19 fuq iż-żgħażaġħ fl-UE) u tal-10 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Living, working and COVID-19: Mental health and trust decline across EU as pandemic enters another year" (Il-ħajja, ix-xogħol u l-COVID-19: deterjorazzjoni tas-saħħa mentali u l-fiduċja madwar l-UE hekk kif il-pandemija tidħol f'sena oħra),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) tas-7 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Il-prevenzjoni ta' disturbi muskuloskeletalni f'forza tax-xogħol diversa: fatturi ta' riskju għan-nisa, migranti u ħaddiema LGBTI",
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-EU-OSHA tas-7 ta' Ottubru 2011 bit-titolu "Mental health promotion in the workplace - a good practice report" (Il-promozzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol - rapport ta' prattika tajba),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-EU-OSHA tat-22 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "Telework and health risks in the context of the COVID-19 pandemic: evidence from the field and policy implications" (It-telexogħol u r-riskji għas-saħħa fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19: evidenza minn fuq il-post u implikazzjonijiet tal-politika),

---

<sup>14</sup> ĠU C 400, 26.11.2019, p. 9.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 bit-titolu "Is-Sena Ewropea għas-Saħħa Mentali – għal xogħol aħjar u kwalità ta' ħajja aħjar"<sup>15</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar Modi Effettivi ta' Investiment fis-Saħħa tat-23 ta' Ġunju 2021 dwar l-appoġġ tas-saħħa mentali tal-ħaddiema tas-saħħa u ħaddiema essenzjali oħra;
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-EU-OSHA u r-rapport tal-Eurofound tat-13 ta' Ottubru 2014 bit-titolu "Psychosocial risks in Europe: prevalence and strategies for prevention" (Riskji psikosoċjali fl-Ewropa: prevalenza u strateġiji għall-prevenzjoni),
  - wara li kkunsidra l-Istħarriġ dwar l-Esperjenza tal-Impjegati ta' Willis Towers Watson tal-2021,
  - wara li kkunsidra l-petizzjonijiet ippreżentati lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, pereżempju Nru 0956/2018 u Nru 1186/2018,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0184/2022),
- A. billi d-dritt għas-saħħa fiżika u mentali huwa dritt fundamentali tal-bniedem u billi kull bniedem huwa intitolat għall-ogħla standard ta' saħħa li jista' jintlaħaq; billi d-WHO tiddefinixxi s-saħħa mentali bħala "stat ta' benesseri mentali li fih in-nies jifilħu sew għall-ħafna stress tal-ħajja, jistgħu jagħrfu l-potenzjal tagħhom stess, jitgħallmu u jaħdmu tajjeb, u jkunu kapaċi jikkontribwixxu għall-komunità tagħhom"<sup>16</sup>; billi s-saħħa mentali hija marbuta wkoll ma' drittijiet fundamentali oħrajn bħad-dritt għad-dinjità tal-bniedem, kif minqux fl-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u d-dritt għall-integrità tal-persuna, inkluża l-integrità mentali, kif minqux fl-Artikolu 3 tal-Karta;
- B. billi r-riċerka turi li l-pandemija tal-COVID-19 sawret Prattiki organizzattivi u maniġerjali u bidlet il-kundizzjonijiet tax-xogħol għal ħafna ħaddiema fl-Ewropa, b'konsegwenzi għall-ħin tax-xogħol, il-benesseri u l-ambjent fiżiku tal-post tax-xogħol; billi nħolqu esiġenzi straordinarji għall-ħaddiema essenzjali u tal-kura tas-saħħa; billi dawn il-ħaddiema kellhom ilaħħqu ma' ambjent tax-xogħol impenjattiv, nuqqas ta' protezzjoni u biża' għas-sikurezza tagħhom, li kellu impatt psikoloġiku negattiv; billi l-fehim ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol mhux biss ifisser li wieħed ikun konxju ta' disturbi mentali skont il-kriterji dijanjostiċi tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard għall-Istatistika dwar il-Mortalità u l-Morbożità (eż. dipressjoni)<sup>17</sup>, iżda wkoll li jfittex li jippromwovi l-benesseri, jevita l-fehim ħażin u l-istigmatizzazzjoni u jfassal u jimplimenta l-miżuri u t-trattament xierqa għall-ġestjoni

<sup>15</sup> ĠU C 44, 15.2.2013, p. 36.

<sup>16</sup> Skeda informattiva tad-WHO, *Mental Health: strengthening our response* (Is-saħħa mentali: insaħħu r-rispons tagħna), 17 ta' Ġunju 2022.

<sup>17</sup> Il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard għall-Istatistika dwar il-Mortalità u l-Morbożità, "Problems associated with employment or unemployment" (Problemi assoċjati mal-impjeg jew mal-qgħad).

ta' dawk id-disturbi<sup>18</sup>;

- C. billi l-pandemija ħolqot żieda qawwija fir-responsabbiltajiet ta' kura flimkien max-xogħol, li affettwat lin-nisa b'mod sproporzjonat u wessgħet id-disparità bejn il-ġeneri fil-kura mhux imħallsa; billi dan kellu impatt negattiv fuq is-saħħa mentali ta' persuni b'responsabbiltajiet ta' kura, peress li ħafna ħaddiema kellhom ilaħħqu ma' ħafna aktar stress billi assumew iż-żieda fir-responsabbiltajiet ta' kura tal-edukazzjoni mid-dar u l-indukrar tat-tfal matul il-lockdown jew billi pprovdew kura informali jew wettqu kwalunkwe tip ieħor ta' xogħol għal qraha dipendenti;
- D. billi r-riċerka turi li l-pandemija żiedet it-telexogħol fuq skala akbar, u dan kellu konsegwenzi pożittivi bħal flessibbiltà u awtonomija akbar u f'xi każijiet, bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; billi, madankollu, dawn il-kisbiet mhux dejjem jegħlbu l-konsegwenzi negattivi bħall-konnessjoni eċċessiva, ċajpir tal-linji bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, intensità akbar ta' xogħol u stress relatat mat-teknoloġija; billi skont l-istħarriġ tal-Eurofound dwar il-COVID-19, il-pandemija ħolqot ħafna sfidi għall-ħaddiema li jaħdmu mill-bogħod; billi filwaqt li ż-żieda konsiderevoli fit-telexogħol tista' tkun ta' benefiċċju għall-ħaddiema u n-negozji, id-dritt għas-saħħa fiżika u mentali jrid jiġi salvagwardjat u promoss ukoll f'dan il-kuntest;
- E. billi r-riskji psikosoċjali huma r-riskji għas-saħħa l-aktar prevalenti assoċjati mat-telexogħol; billi prevalenza oġhla ta' telexogħol hija marbuta ma' sigħat twal ta' xogħol u stress relatat max-xogħol; billi skont l-EU-OSHA, ir-riskji psikosoċjali jistgħu jirriżultaw f'eżiti psikoloġiċi, fiżiċi u soċjali negattivi bħal ansjetà relatata max-xogħol, eżawriment jew dipressjoni; billi l-kundizzjonijiet tax-xogħol li jwasslu għal riskji psikosoċjali jistgħu jinkludu ammont eċċessiv ta' xogħol, talbiet konfliġġenti u nuqqas ta' ċarezza dwar ir-rwol ta' dak li jkun, nuqqas ta' involviment fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw lill-ħaddiema nfushom, nuqqas ta' influwenza fuq il-mod kif isir ix-xogħol, bidla organizzattiva ġestita ħażin, nuqqas ta' sigurtà tal-impjieg, komunikazzjoni ineffettiva, nuqqas ta' appoġġ mill-maniġment jew mill-kollegi, fastidju psikoloġiku u sesswali, u vjolenza minn partijiet terzi; billi l-Istati Membri ma jikkondividux standards u prinċipji komuni legalment vinkolanti rigward ir-riskji psikosoċjali, li jwassal għal protezzjonijiet legali *de facto* inugwali għall-ħaddiema;
- F. billi, aktar ma jgħaddi ż-żmien, dawk li jimjegaw qed jużaw għodod diġitali bħall-apps, is-software u l-intelliġenza artifiċjali (IA) biex jimmaniġġjaw lill-ħaddiema tagħhom; billi l-ġestjoni algoritmika tippreżenta sfidi ġodda għall-futur tax-xogħol, bħall-kontroll u s-sorveljanza bl-użu tat-teknoloġija permezz ta' għodod ta' tbassir u ta' mmarkar, monitoraġġ remot f'ħin reali tal-progress u tal-prestazzjoni u tal-intraċċar tal-ħin, u tinvolvi riskji sinifikanti għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, b'mod partikolari s-saħħa mentali tagħhom, u d-dritt għall-privatezza u d-dinjità tal-bniedem; billi d-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji ġodda avvanzati bħall-IA u l-makkinarju bbażat fuq l-IA qed jittrasformaw in-natura tax-xogħol; billi madwar 40 % tad-dipartimenti tar-riżorsi umani f'kumpaniji internazzjonali issa jużaw applikazzjonijiet tal-IA u 70 % jqisu dan bħala prijorità għolja għall-organizzazzjoni tagħhom; billi l-ekonomija diġitali l-ġdida trid tiġi rregolata biex trawwem prosperità kondiviża u tiżgura l-benesseri tas-soċjetà iġenerali;

---

<sup>18</sup> Lista ta' disturbi mentali skont l-iskeda informattiva tad-WHO dwar id-disturbi mentali, 8 ta' Ġunju 2022.

- G. billi din is-sitwazzjoni l-ġdida teħtieġna li nadottaw definizzjoni ġdida u usa' tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, li ma tistax tibqa' tiġi separata mis-saħħa mentali;
- H. billi l-pandemija tal-COVID-19 affettwat b'mod sproporzjonat lill-benesseri mentali tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul – li l-maġġoranza tagħhom huma nisa – kif ukoll lill-popolazzjonijiet vulnerabbli inklużi l-minoranzi etniċi, il-komunità LGBTIQ+, il-persuni akbar fl-età, il-ġenituri waħedhom, il-persuni b'diżabilità u kwistjonijiet ta' saħħa mentali preeżistenti, il-persuni bi status soċjoekonomiku aktar baxx, il-persuni qiegħda, u l-persuni li jgħixu fir-reġjuni ultraperiferiċi u ż-żoni remoti u mhux konnessi sew; billi s-saħħa mentali taż-żgħażaġħ marret għall-aġħar b'mod sinifikanti matul il-pandemija, fejn il-problemi relatati mas-saħħa mentali f'diversi Stati Membri rduppjaw u ħalliet impatt sever fuq l-impjegati ta' żgħażaġħ u tnaqqis fid-dħul tagħhom, inkluż it-telf ta' impjegati; billi 9 miljun adolexxenti fl-Ewropa (li għandhom bejn 10 u 19-il sena) qed jgħixu b'disturbi tas-saħħa mentali, u l-ansjetà u d-dipressjoni jammontaw għal aktar minn nofs il-każijiet;
- I. billi ħafna nies fl-UE m'għandhomx aċċess għas-servizzi pubbliċi tas-saħħa mentali u okkupazzjonali; billi l-benesseri mentali laħaq l-aktar livell baxx tiegħu fil-gruppi tal-etajiet kollha mill-bidu tal-pandemija, u d-deterjorament fis-saħħa mentali huwa attribwit għat-tfixkil fl-aċċess għas-servizzi tas-saħħa mentali, żieda fl-ammont ta' xogħol u kriżi tas-suq tax-xogħol li affettwaw liż-żgħażaġħ b'mod sproporzjonat; billi huwa magħruf li s-servizzi pubbliċi tas-saħħa mentali u okkupazzjonali mhumiex finanżjati biżżejjed; billi l-istress relatat max-xogħol jista' jkun konsegwenza ta' diversi fatturi, bħal pressjonijiet ta' restrizzjoni tal-ħin, sigħat tax-xogħol twal jew irregolari, u komunikazzjoni u kooperazzjoni fqira fi ħdan l-organizzazzjoni; billi hemm korrelazzjoni b'saħħitha bejn il-migranġa jew l-uġiġħ ta' ras sever u d-dipressjoni u l-ansjetà, fost disturbi psikjatriċi komorbidi oħra, li għandha effett indirett fuq il-prestazzjoni tax-xogħol u l-assenzi tal-impjegati; billi r-riċerka klinika u applikata fuq il-prevenzjoni, id-dijanjożi u t-treatment tal-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali mhumiex iffinanżjati biżżejjed; billi l-kwistjonijiet tas-saħħa mentali bħalissa huma l-kawża ewlenija tal-morbożità globali, u s-suwieċidju huwa t-tieni l-akbar kawża ta' mewt taż-żgħażaġħ fl-Ewropa; billi l-prevenzjoni, is-sensibilizzazzjoni, l-attivitajiet ta' benessere u l-promozzjoni ta' kultura tas-saħħa mentali u sana fuq il-post tax-xogħol jistgħu jipprovdu eżiti pożittivi fit-titjib tas-saħħa tal-impjegati<sup>19</sup>;
- J. billi kwistjonijiet fuq il-post tax-xogħol li jaffettwaw is-saħħa mentali jinkludu l-eżawriment professjonali, is-sindromu ta' bore-out, l-istress, il-fastidju, il-vjolenza, l-istigma, id-diskriminazzjoni u l-possibbiltajiet limitati għat-tkabbir jew għall-promozzjoni, aspetti li jistgħu jkomplu jiġu aggravati online; billi s-sena l-oħra d-WHO żvelat li aktar minn 300 miljun persuna madwar id-dinja kienu qed ibatu minn disturbi mentali relatati max-xogħol bħal eżawriment, ansjetà, dipressjoni jew stress postrawmatiku, li jikkorrelata mal-fatt li wieħed minn kull erba' ħaddiema Ewropej iħossu li x-xogħol għandu impatt negattiv fuq saħħithom<sup>20</sup>; billi ambjent tax-xogħol

<sup>19</sup> Qabel il-pandemija kien stmat li 25 % taċ-ċittadini tal-UE kienu se jesperjenzaw problema ta' saħħa mentali tul ħajjithom. Sors: In-Network Ewropew għall-Promozzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, *A guide for employers to promote mental health in the workplace (Gwida għal min iħaddem biex jippromwovi s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol)*, Marzu 2011.

<sup>20</sup> Eurofound, Sixth European Working Conditions Survey (Is-Sitt Stharriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol), 2017.



negattiv jista' jwassal għal problemi ta' saħħa fiżika u mentali, użu dannuż ta' sustanzi jew alkoħol, assenteiżmu u telf ta' produttività;

- K. billi l-ispejjeż tal-mard mentali huma stmata għal aktar minn 4 % tal-PDG fl-Istati Membri kollha tal-UE fl-2015; billi l-ispiża tad-dipressjoni relatata max-xogħol għet stmata għal EUR 620 biljun fis-sena, li rriżultat f'EUR 240 biljun mitlufa fil-produzzjoni ekonomika<sup>21</sup>; billi l-ispejjeż ikkalkulati tal-uġiġħ ta' ras kollha fl-UE huma ta' aktar minn EUR 110 biljun fis-sena, li minnhom madwar EUR 50 biljun huma attribwibbli għall-emigranja; billi l-baġits relatati mal-prevenzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE għadhom baxxi, fil-livell ta' 3 % tan-nefqa totali tas-saħħa;
- L. billi skont ir-regolamenti tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali<sup>22</sup>, dawk li jimpjegaw għandhom id-dmir li jipproteġu s-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema fl-aspetti kollha tax-xogħol; billi min iħaddem għad għandu responsabbiltà għas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali fil-kuntest tat-telexogħol; billi t-trade unions u l-korpi tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fuq il-post tax-xogħol għandhom rwol kritiku fid-difiża tad-dritt fundamentali tal-bniedem li għandhom il-ħaddiema għal post tax-xogħol sikur u sigur, inkluż fit-telexogħol;
- M. billi l-impjeg stabbli, is-saħħa (inkluża s-saħħa mentali), il-kundizzjonijiet għal żvilupp sħiħ, u s-sens ta' influwenza u involviment taż-żgħażaġħ huma l-prekundizzjonijiet bażiċi għall-ħruġ mill-kriżi, it-tiżiħ tas-soċjetajiet u l-bini mill-ġdid tal-ekonomiji;

### ***Is-saħħa mentali u x-xogħol diġitali: it-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19***

1. Jiddispijaċi għall-fatt li matul il-pandemija tal-COVID-19, is-saħħa mentali tal-impjegati u ta' dawk li jaħdmu għal rashom kienet affettwata minn tfixkil f'haġfa servizzi bħall-edukazzjoni, is-saħħa, l-appoġġ soċjali u fatturi ta' stress akbar bħall-insigurtà finanzjarja, il-biża' li wieħed jisfa qiegħed, l-aċċess limitat għall-kura tas-saħħa, l-iżolament, l-istress relatat mat-teknoloġija, il-bidliet fis-siġhat tax-xogħol, l-organizzazzjoni inadegwata tax-xogħol u t-telexogħol; jappella biex is-saħħa mentali tiġi indirizzata b'mod urġenti permezz ta' politiki trasversali u integrati, bħala parti minn strateġija komprensiva tal-UE dwar is-saħħa mentali u strateġija Ewropea dwar il-kura ssupplimentati minn pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali; ifakkar lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, li l-protezzjoni tas-saħħa mentali tal-ħaddiema għandha tkun parti integrali mill-pjanijiet ta' tħejjija tal-EU-OSHA għal kriżijiet futuri tas-saħħa;
2. Jisħaq li l-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżi ekonomika sussegwenti poġġew pressjoni kbira fuq is-saħħa u l-benesseri mentali taċ-ċittadini kollha, iżda fuq kollox tal-impjegati, ta' dawk li jaħdmu għal rashom, taż-żgħażaġħ, tal-istudenti li jkun qad jidħlu fid-dinja tax-xogħol u tal-anzjani, bi prevalenza dejjem akbar ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u rati oġħla ta' stress, ansjetà u dipressjoni;
3. Jisħaq li l-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt negattiv fuq it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol, u għalhekk tista' tikkawża livelli għoljin ta' stress, ansjetà u

<sup>21</sup> L-opinjoni tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar Modi Effettivi ta' Investiment fis-Saħħa, *Supporting the mental health of the health workforce and other essential workers* (L-appoġġ tas-saħħa mentali tal-ħaddiema tas-saħħa u ħaddiema essenzjali oħrajn), 23 ta' Ġunju 2021.

<sup>22</sup> Sommarju tal-EU-OSHA dwar id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE, aġġornat l-aħħar fit-3 ta' Mejju 2021.

inċertezza għaż-żgħażaġh fil-bidu tal-karriera tagħhom, li x'aktarx taggrava wkoll il-prospetti ta' impjieg tagħhom u tikkontribwixxi għall-kwistjonijiet tas-saħħa u l-benesseri mentali tagħhom f'ċiklu vizzjuż; jappella għal appoġġ akbar għas-saħħa mentali, inkluż għas-servizzi pubbliċi tal-impjieg, sabiex jiġi indirizzat il-benesseri tal-persuni qiegħda;

4. Jiddispjaċih li s-saħħa mentali ma nġhatatx l-istess prijorità bħas-saħħa fiżika, ġiet imċaħħda minn fondi u ma għandhiex biżżejjed persunal ikkwalifikat madwar l-Istati Membri, minkejja l-benefiċċji intrinziċi assoċjati ma' saħħa u benessere mtejba u l-gwadanji kbar fil-produttività ekonomika u livelli oġhla ta' parteċipazzjoni fix-xogħol li jirriżultaw minn investment pubbliku fis-saħħa mentali; jemmen li tenħtieġ azzjoni rapida biex tittejjeb is-sitwazzjoni attwali;
5. Jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-livelli għoljin ta' problemi ta' saħħa mentali relatati max-xogħol madwar l-UE u jimpenjaw ruħhom għal azzjonijiet li jirregolaw u jimplimentaw dinja tax-xogħol diġitali li tgħin fil-prevenzjoni tal-problemi tas-saħħa mentali, tipproteġi s-saħħa mentali u l-bilanċ san bejn ix-xogħol u l-ħajja, u tinforza d-drittijiet tal-protezzjoni soċjali fuq il-post tax-xogħol; jappella għal djalogo u sforzi għal dan il-għan ma' min iħaddem u mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, inklużi t-trade unions; jišhaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa essenzjali li jiġu adottati pjanijiet ta' prevenzjoni għar-riskji għas-saħħa mentali fil-postijiet tax-xogħol kollha; jappella għal segwitu għall-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew tad-WHO għal Azzjoni dwar is-Saħħa Mentali għall-2021-2025;
6. Jiddispjaċih dwar id-disparità bejn l-ammont ta' azzjoni tal-UE li fil-fatt ittieħdet dwar is-saħħa u l-kamp ta' applikazzjoni mogħti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u jappella biex tittieħed aktar azzjoni tal-UE fl-ambitu ta' dawk il-kompetenzi; iqis li s-saħħa mentali hija l-kriżi tas-saħħa li jmiss u li l-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni u teżamina r-riskji potenzjali kollha permezz ta' miżuri vinkolanti u mhux vinkolanti, fejn rilevanti, u toħloq strateġija tal-UE dwar is-saħħa mentali komprensiva, skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar l-ekonomija tal-benesseri;
7. Jinnota li strateġija tal-UE dwar is-saħħa mentali għandu jkollha l-għan li tirrikjedi li l-Istati Membri jintegraw il-kura tas-saħħa mentali mal-kura fiżika minħabba l-korrelazzjoni mill-viċin bejn it-tnejn, biex jipprovdu kura bbażata fuq l-evidenza u d-drittijiet tal-bniedem, biex jespandu n-numru ta' servizzi offruti sabiex aktar adulti jkunu jistgħu jaċċessaw it-trattament, u biex jappoġġaw lin-nies biex jgħinuhom isibu xogħol jew jibqgħu jaħdmu, fost sforzi oħrajn; jinsisti li s-saħħa mentali ħażina taffettwa l-benesseri tal-ħaddiema u timplika spejjeż għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, li jwasslu għal nefqa miżjuda fil-qasam tal-kura tas-saħħa u s-sigurtà soċjali; jenfasizza r-responsabbiltà ta' min iħaddem u r-rwol essenzjali li għandhom kemm min iħaddem kif ukoll is-sħab soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi bħal dawn;
8. Ifakkar li l-pandemija xeħtet dawl fuq il-kriżi tas-saħħa mentali mifruxa madwar l-Ewropa u d-diversi risponsi għaliha mill-Istati Membri u wriet l-importanza tal-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki bħala rispons għall-emerġenzi tas-saħħa, filwaqt li żvelat lakuni fil-prospettiva, inklużi t-tħejjija, l-għodod ta' rispons u finanzjament adegwat; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu l-impatti fuq is-saħħa mentali fil-pjanijiet tar-rispons ta' emerġenza u tħejjija f'każ ta' kriżi tas-saħħa jew pandemika;

jemmen li l-kriżi tas-saħħa mentali attwali għandha titqies bħala emerġenza tas-saħħa;

9. Jilqa' n-negożjati li għaddejjin għal regolament li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transfruntier serju għas-saħħa<sup>23</sup> u n-negożjati li għaddejjin dwar ir-riforma taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u t-tisħiħ tal-mandat tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini;
10. Ifaħħar lill-ħaddiema essenzjali u tal-ewwel linja li ssagrifikaw il-benesseri tagħhom stess biex iwettqu xogħol li jsalva l-ħajjiet matul il-pandemija; jinsab imħasseb dwar ir-riskji akbar għas-saħħa mentali relatati max-xogħol fost il-ħaddiema tas-saħħa u tal-kura fit-tul; jappella lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċjali lill-ħaddiema essenzjali u tal-ewwel linja fil-proposti leġiżlattivi li jmiss tal-Kummissjoni dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol; jappella lill-Istati Membri jtejbju l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, jindirizzaw in-nuqqas ta' persunal u jimpenjaw ir-riżorsi meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn is-sagrifiċċji ma jerġgħux ikunu meħtieġa, filwaqt li jiżguraw li l-ħaddiema jkollhom aċċess immedjat għal riżorsi tas-saħħa mentali adegwati u protezzjoni u interventi psikosoċjali, li għandhom jiġu estiżi lil hinn mill-perjodu ta' kriżi akuta; jisħaq li l-maġġoranza vasta tal-ħaddiema essenzjali u tal-ewwel linja huma nisa u ta' spiss ikollhom introjtu aktar baxx, u jġarrbu riskji akbar għas-saħħa mentali relatati max-xogħol;

### ***It-tranżizzjoni diġitali u s-saħħa mentali***

11. Jirrikonoxxi li impjeg ta' kwalità jista' jgħin biex jipprovdi lill-individwi skop kif ukoll sigurtà u indipendenza finanzjarja ; jenfazizza r-relazzjoni pożittiva bejn saħħa mentali tajba, kundizzjonijiet tajbin tax-xogħol, salarji adegwati, produttività fix-xogħol, benessere u kwalità tal-ġajxien; jinnota li sens ta' skop u identità għall-ħaddiema jista' jiġi kkontestat f'kuntest ta' diġitalizzazzjoni li qed tiżdied, li tista' twassal għal problemi ta' saħħa fiżika u mentali; jafferma li l-prevenzjoni hija għalhekk kruċjali; jemmen li kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u programmi attivi tas-suq tax-xogħol jistgħu jgħinu fil-ġlieda kontra r-riskji psikosoċjali billi jipprovdu opportunitajiet għal impjeg ta' kwalità u protezzjoni soċjali; jinnota li d-dipressjoni u d-disturbi tas-saħħa mentali jistgħu jkunu ostaklu biex wieħed jibqa' jaħdem u jikseb impjeg u li jenħtieġ appoġġ addizzjonali għal dawk li qed ifittxu impjeg;
12. Jirrikonoxxi l-opportunitajiet li t-trasformazzjoni diġitali toħloq għall-impjeg ta' persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol miftuħ; jisħaq, f'dan il-kuntest, li t-trasformazzjoni diġitali m'għandhiex twassal għall-iżolament u għall-esklużjoni soċjali; jenfazizza, barra minn hekk, id-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-anzjani, li huma f'riskju partikolari ta' esklużjoni diġitali minħabba l-kundizzjonijiet tax-xogħol li qed jinbidlu u l-ġhodod diġitali ġodda; jisħaq fuq l-importanza għall-ħaddiema kollha, iżda speċjalment għall-persuni akbar fl-età, li jkollhom aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp professjonali adattat għall-ħtiġijiet individwali tagħhom; jappella lill-Istati Membri jespandu l-provvista ta' edukazzjoni diġitali mmirata lejn persuni akbar fl-età; jisħaq fuq l-importanza tal-iskambji interġenerazzjonali fl-ambjent tax-xogħol;
13. Ifakkar li approċċi proattivi għad-diġitalizzazzjoni, bħat-titjib tal-ħiliet diġitali fuq il-

---

<sup>23</sup> ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1.

post tax-xogħol jew l-awtorizzazzjoni ta' ħinijiet tax-xogħol flessibbli, jistgħu jgħinu biex itaffu l-istress relatat max-xogħol; jirrimarka li l-IA għandha l-potenzjal li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kwalità tal-ħajja, inkluż bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u aċċessibbiltà aħjar għall-persuni b'diżabilità, li tipprevedi l-iżvilupp tas-suq tax-xogħol u li tappoġġa l-ġestjoni tar-riżorsi umani fil-prevenzjoni tal-preġudizzju uman; iwissi, madankollu, li l-IA tagħti wkoll lok għal tħassib dwar il-privatezza u s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali bħad-dritt għall-iskonnessjoni, u tista' twassal għal sorveljanza u monitoraġġ sproporzjonati u illegali tal-ħaddiema, bi ksur tad-dinjità u l-privatezza tagħhom, kif ukoll trattament diskriminatorju fil-proċessi ta' reklutaġġ u oqsma oħra minħabba algoritmi preġudikati, inkluż abbażi tal-ġeneru, ir-razza u l-etniċità; jinsab imħasseb, barra minn hekk, li l-IA tista' ddgħajjef il-libertà u l-awtonomija tan-nies, bħal permezz ta' għodod ta' tħassir u ta' mmarkar, monitoraġġ u traċċar f'ħin reali u nudges awtomatizzati tal-imġiba, u tikkontribwixxi għall-problemi tas-saħħa mentali tal-ħaddiema bħall-eżawriment, l-istress relatat mat-teknoloġija, it-tagħbija eċċessiva psikoloġika u l-għeja; jisħaq li s-soluzzjonijiet tal-IA fuq il-post tax-xogħol iridu jkunu trasparenti, ġusti u jevitaw kwalunkwe implikazzjoni negattiva għall-ħaddiema u jridu jiġu nneozjati bejn min iħaddem u r-rappreżentanti tal-ħaddiema inklużi t-trade unions; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, joħolqu proposta leġislattiva dwar l-IA fuq il-post tax-xogħol sabiex jiżguraw protezzjoni xierqa tad-drittijiet u l-benesseri tal-ħaddiema, inkluża s-saħħa mentali u d-drittijiet fundamentali, bħan-nondiskriminazzjoni, il-privatezza u d-dinjità tal-bniedem f'post tax-xogħol dejjem aktar diġitalizzati; jinnota li l-fastidju online għandu t-tendenza li jkollu impatt sproporzjonat fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli, inklużi l-ħaddiema żgħażagħ, nisa u LGBTQI+; jisħaq li 60 % biss tal-Istati Membri għandhom leġislazzjoni speċifika fis-seħħ biex jindirizzaw il-bullying u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipproponu miżuri obbligatorji immirati biex ireġġgħu lura u jindirizzaw din il-problema dejjem akbar fuq il-post tax-xogħol u jipproteġu lill-vittmi bir-riżorsi kollha meħtieġa;

14. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-miżuri preventivi u protettivi mmirati biex jeqirdu l-vjolenza, id-diskriminazzjoni u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol, inklużi l-vjolenza u l-fastidju minn partijiet terzi (jiġifieri minn klijenti, viżitaturi jew pazjenti), fejn applikabbli, japplikaw irrispettivament mir-raġuni u l-kawża tal-fastidju u li ma jkunux limitati għal każijiet ibbażati fuq raġunijiet diskriminatorji; jappella lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (Nru 190) dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza u l-Fastidju fid-Dinja tax-Xogħol u r-Rakkomandazzjoni (Nru 206) dwar il-Vjolenza u l-Fastidju u biex idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet u l-miżuri ta' politika meħtieġa biex jipprojbixxu, jipprevjenu u jindirizzaw il-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol; jappella lill-Kummissjoni tiżgura li l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva proposta dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika<sup>24</sup> tkopri bis-sħiħ il-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol bħala reat kriminali, u li l-ħaddiema jirċievu protezzjoni xierqa, bl-involvement tat-trade unions;
15. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-ħaddiema jiġu protetti kontra l-isfruttament minn min iħaddimhom fl-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika, inklużi l-għodod ta' tħassir u ta'

---

<sup>24</sup> Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2022 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (COM(2022)0105).

mmarkar biex tiġi mbassra l-imġiba tal-impjegati u jiġu identifikati jew skoraġġuti l-ksur tar-regoli jew il-frodi mill-ħaddiema, il-monitoraġġ f'ħin reali tal-progress u l-prestazzjoni, is-software ta' traċċar tal-ħin u n-nudges tal-imġiba awtomatizzati; jappella għal projbizzjoni fuq is-sorveljanza tal-ħaddiema;

16. Iqis li huwa neċessarju li tiġi żviluppata paradigma ġdida li tqis il-kumplessità tal-post tax-xogħol modern fir-rigward tas-saħħa mentali, billi l-istrumenti regolatorji attwalment fis-seħħ mhumiex biżżejjed biex jiggarrantixxu s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u jeħtieġ li jiġu aġġornati u mtejbja;
17. Jenfasizza li l-użu tat-teknoloġija u tal-IA fuq il-post tax-xogħol m'għandu qatt jintuża għad-detriment tas-saħħa mentali u l-benesseri tal-ħaddiema; jinnota li l-iskjerament tal-IA fuq il-post tax-xogħol ma jridx iwassal għal monitoraġġ eċċessiv f'isem il-produttività jew għal sorveljanza tal-ħaddiema;
18. Jinnota li hemm diskrepanza diġitali kbira bejn il-ġeneri fil-ħiliet speċjalizzati u fl-impjiegi fis-settur tal-ICT, fejn 18 % biss huma nisa u 82 % huma rġiel<sup>25</sup>; iqis li huwa vitali li s-sistemi tat-teknoloġija jitfasslu b'mod inklużiv, biex jiġu evitati d-diskriminazzjoni, kwistjonijiet ta' saħħa mentali jew effetti oħra ta' ħsara ta' diżinn mhux inklużiv; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jeliminaw id-differenza diġitali bejn il-ġeneri li tolqot lin-nisa fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), u jfittxu li jipprovdu incenivi għall-organizzazzjonijiet tal-ICT biex jimpjegaw forza tax-xogħol diversa;
19. Jilqa' d-Direttiva (UE) 2019/1158 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw peress li tipprovdi flessibilità u ttaffi kwistjonijiet relatati max-xogħol; jisħaq, madankollu, li n-nisa jkomplu jiġu affettwati b'mod sproporzjonat, kif deher matul il-pandemija; jemmen li filwaqt li t-telexogħol joffri ħafna opportunitajiet, huwa jippreżenta wkoll sfidi f'termini tad-distakk soċjali, professjonali u diġitali; jisħaq li n-nisa jkomplu jieħdu l-bieċa l-kbira tal-liv relatat mal-familja, li jkompli jkollu impatt negattiv fuq il-progressjoni tal-karriera, l-iżvilupp personali, il-paga u l-intitolamenti tal-pensjoni tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tad-direttiva u jżidu l-għadd ta' ġranet mogħtija għal-liv tal-persuni li jindukraw u jipprovdu remunerazzjoni lill-persuni li jindukraw b'mod informali meta jieħdu l-liv; jappella lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ favur il-protezzjoni tal-ħin tal-familja tal-ħaddiema u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jappella lill-Istati Membri jinkoraġġixxu t-teħid ta' sehem ugwali tar-responsabbiltajiet ta' ndukrar bejn in-nisa u l-irġiel permezz ta' perjodi ta' liv imħallas mhux trasferibbli bejn il-ġenituri, li jippermettu lin-nisa jinvolvu ruħhom dejjem aktar f'impjieg full-time; jenfasizza li n-nisa huma friskju oġhla li jsofru minn stress, eżawriment, burnout, u vjolenza psikoloġika minħabba arranġamenti ġodda ta' telexogħol u n-nuqqas ta' regolamentazzjoni biex jiġu kkontrollati Prattiki abbużivi tax-xogħol;
20. Jinnota l-bidla għat-telexogħol matul il-pandemija u l-flessibilità li pprovdiet għal ħafna impjegati u għal dawk li jaħdmu għal rashom; jirrikonoxxi, madankollu, li t-telexogħol wera wkoll sfida speċjalment għall-individwi l-aktar żvantaġġati u l-familji b'ġenitur wieħed; jagħraf li t-telexogħol flimkien mal-kura tat-tfal, speċjalment għat-tfal bi bżonnijiet speċjali, jista' jkun ta' theddida għall-ħajja tal-familja u l-benesseri kemm

<sup>25</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Tabella ta' valutazzjoni dwar in-Nisa fid-Dinja Diġitali 2020.



tal-ġenituri kif ukoll tat-tfal; iħeġġeġ lil min iħaddem jipprovdi regoli ċari u trasparenti dwar l-arranġamenti tat-telexogħol biex jiżgura li s-siġhat tax-xogħol jiġu rispettati u jipprevjenu l-iżolament soċjali u professjonali u ċ-ċajpir tal-ħin tax-xogħol ma' ħin ieħor imqatta' d-dar; jinnota li t-telexogħol huwa ppruvat li għandu impatt qawwi fuq l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol billi jżid il-flessibbiltà u d-disponibbiltà kostanti tal-ħaddiema, li spiss iwassal għal kunflitt bejn il-ħin tal-ħajja tal-familja u dak tax-xogħol; ifakkar, iżda, li jekk ikun regolat u implimentat kif xieraq, it-telexogħol jista' jipprovdi wkoll lill-ħaddiema l-flessibbiltà biex jadattaw is-siġhat u l-iskeda tax-xogħol tagħhom biex jissodisfaw il-ħtiġijiet personali u tal-familja tagħhom stess; jenfasizza f'dan ir-rigward li bidla sħiħa jew parzjali għat-telexogħol għandha tkun ir-riżultat ta' ftehim bejn min iħaddem u r-rappreżentanti tal-ħaddiema;

21. Jinnota bi tħassib li t-telexogħol għadu mhux disponibbli għall-ħaddiema kollha; jisħaq fuq l-impatt tal-bidla għat-telexogħol fuq is-saħħa mentali ta' dawk fil-periklu tal-esklużjoni diġitali; jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra d-distakk diġitali fl-Ewropa u l-ħtieġa ta' taħriġ mill-ġdid ta' nies iżgħar u akbar fl-età sabiex jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' ħiliet diġitali għall-ħaddiema kollha; jappella għal investimenti aktar immirati fil-provvista ta' ħiliet diġitali, b'mod partikolari lil gruppi li huma aktar esklużi f'sens diġitali, bħal persuni bi status soċjoekonomiku baxx, sfond edukattiv limitat, persuni akbar fl-età u persuni li jgħixu f'żoni rurali u remoti; jappella lill-Kummissjoni tipproponi qafas leġiżlattiv biex tistabbilixxi rekwiżiti minimi għat-telexogħol madwar l-UE, mingħajr ma timmina l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-teleħaddiema; jisħaq li tali qafas għandu jikkjarifika l-kundizzjonijiet tax-xogħol, jiżgura li tali xogħol isir fuq bażi volontarja u li d-drittijiet, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-ammont ta' xogħol u l-istandards ta' prestazzjoni tat-teleħaddiema jkunu ekwivalenti għal dawk ta' ħaddiema komparabbli fuq il-post tax-xogħol; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu miżuri dwar l-aċċessibbiltà u t-teknoloġija inklużiva għal persuni b'diżabbiltà; jinnota li dan il-qafas għandu jiġi żviluppat f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u s-sħab soċjali Ewropej, b'rispett sħiħ tal-mudelli tas-suq tax-xogħol nazzjonali u għandu jqis il-Ftehimiet Qafas tas-Sħab Soċjali dwar it-Telexogħol u dwar id-Diġitalizzazzjoni; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-persuni b'diżabbiltà mentali jew fiżika; jisħaq li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-teleħaddiema huma ekwivalenti għal dawk li jaħdmu fuq il-post u li jeħtieġ li jittieħdu miżuri speċifiċi biex jiġi segwit u appoġġat il-benesseri tal-ħaddiema remoti;
22. Iqis li d-dritt għall-iskonnessjoni huwa essenzjali biex jiġi żgurat il-benesseri mentali tal-impjegati u ta' dawk li jaħdmu għal rashom, mhux l-inqas għall-ħaddiema nisa u għall-ħaddiema f'forom mhux standard ta' xogħol, u għandu jiġi kkomplementat minn approċċ preventiv u kollettiv għar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol; jappella lill-Kummissjoni tipproponi, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, direttiva dwar standards u kundizzjonijiet minimi biex jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom għall-iskonnessjoni u biex jiġi rregolat l-użu tal-ġhodod diġitali eżistenti u ġodda għal skopijiet ta' xogħol skont ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-21 ta' Jannar 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-dritt għall-iskonnessjoni, filwaqt li jitqies il-Ftehim Qafas tas-Sħab Soċjali Ewropej dwar id-Diġitalizzazzjoni; jappella lill-Istati Membri, barra minn hekk, jikkoordinaw aħjar l-iskambju tal-aqwa Prattiki, peress li xi wħud minnhom qed jistabbilixxu xi politiki u proġetti innovattivi ħafna;

23. Jinnota li jekk jiġu riveduti u aġġornati, id-Direttivi tal-Kunsill 89/654/KEE u 90/270/KEE li jistabbilixxu rekwiżiti minimi ta' sigurtà u saħħa għall-post tax-xogħol u għax-xogħol b'taġħmir li għandu display screen jistgħu jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ħaddiema kollha, inklużi l-ħaddiema tal-pjattaformi u dawk li jaħdmu għal rashom, flimkien mal-proġetti differenti żviluppati mill-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri;
24. Jisħaq li l-ġħoti ta' aċċessibbiltà u akkomodazzjoni raġonevoli huwa applikabbli f'ambjenti diġitali relatati max-xogħol u, għalhekk, min iħaddem għandu jistabbilixxi miżuri biex jadatta u jiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ugwali għall-persuni b'diżabilità, inklużi dawk bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali, inkluża l-konformità mal-standards tal-aċċessibbiltà diġitali rilevanti derivati mid-Direttiva (UE) 2019/882;
25. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li timmodernizza l-qafas leġiżlattiv għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali billi tirrieżamina d-Direttivi tal-Kunsill 89/654/KEE u 90/270/KEE li jistabbilixxu rekwiżiti minimi ta' sikurezza u saħħa għall-post tax-xogħol u għal xogħol b'taġħmir li għandu display screen;

### ***Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol***

26. Huwa mħasseb dwar l-iskonnessjoni bejn il-politika attwali dwar is-saħħa mentali u l-attitudnijiet fuq il-post tax-xogħol, li ma jirriflettux kif xieraq il-fatt li l-protezzjoni tal-impjegat hija assi ewlieni għall-mexxejja tal-UE għall-kumplement tad-deċennju; jenfasizza li minħabba l-istigma u d-diskriminazzjoni, l-impjegati ħafna drabi jħossu li ma jistgħux jiddiskutu xi kwistjonijiet; jappella lill-Istati Membri jiżguraw li min iħaddem jissodisfa l-obbligi tiegħu li jipprovi appoġġ u informazzjoni ċara lill-ħaddiema kollha, u jiżgura li l-ħaddiema affettwati jkunu riintegrati b'mod ġust fuq il-post tax-xogħol; jappella biex il-postijiet tax-xogħol jiffaċilitaw l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ għas-saħħa mentali u servizzi esterni u għall-prevenzjoni, ir-rikonoxximent bikri u t-trattament għall-impjegati li jista' jkollhom disturbi tas-saħħa mentali, u biex jappoġġaw ir-riintegrazzjoni tagħhom u jgħinu fil-prevenzjoni ta' rikaduti, kif ukoll jistabbilixxu pjanijiet tal-kumpaniji ta' prevenzjoni tas-saħħa mentali, inkluż dwar il-prevenzjoni tas-suwiċidju; jappella, barra minn hekk, għall-adozzjoni ta' strateġiji ta' prevenzjoni ċari u effettivi kif ukoll strateġiji ta' appoġġ għall-ħaddiema li jirritornaw għax-xogħol wara assenza twila;
27. Ifakkar li l-fastidju u d-diskriminazzjoni għal raġunijiet multipli jeżistu fuq il-post tax-xogħol u huma sors frekwenti ta' stress u skonnessjoni mill-post tax-xogħol; ifakkar, b'mod partikolari, li d-diskriminazzjoni abbażi tal-età, id-diżabilità, is-sess, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, ir-razza, l-istatus edukattiv jew soċjoekonomiku u l-appartenenza għal gruppi vulnerabbli hija mifruxa u għandha tiġi indirizzata minn min iħaddem; jisħaq fuq l-importanza li tiġi inkluża politika kontra l-fastidju fil-miżuri tas-saħħa u s-sikurezza fid-dinja diġitali tax-xogħol u li jingħata appoġġ lin-negozji, speċjalment l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), biex jiġu meġġuna jistabbilixxu politiki għall-ġlieda kontra l-fastidju u l-bullying; jappella għal kampanja ta' informazzjoni madwar l-UE kollha dwar is-sensibilizzazzjoni fuq is-saħħa mentali sabiex jiġu indirizzati l-istigma, il-perċezzjonijiet żbaljati u l-esklużjoni soċjali li sikwit huma assoċjati ma' saħħa mentali ħażina;

28. Jemmen li l-miżuri attwali għat-titjib fis-sigurtà u s-saħħa mentali tal-ħaddiema huma insuffiċjenti, speċjalment il-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali; jappella lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmi għall-prevenzjoni tal-ansjetà, id-dipressjoni u l-eżawriment u għar-riintegrazzjoni fil-post tax-xogħol ta' dawk affettwati mill-problemi psikosoċjali; ifakkar li approċċ individwali u organizzattiv għax-xogħol<sup>26</sup> huwa kruċjali għal dan il-għan; jinnota, madankollu, li dawn il-kundizzjonijiet tas-saħħa jistgħu jiddependu fuq għadd ta' fatturi; jappella lill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, tirrevedi r-rakkomandazzjoni tagħha tad-19 ta' Settembru 2003 dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali<sup>27</sup>, billi magħha jiżdiedu disturbi muskuloskeletalari relatati max-xogħol, disturbi tas-saħħa mentali relatati max-xogħol, b'mod partikolari d-dipressjoni, il-burnout, l-ansjetà u l-istress, il-mard kollu relatat mal-asbestos u l-kanċers tal-ġilda u l-infjammazzjoni reumatika u kronika; jappella lill-Kummissjoni tittrasforma din ir-rakkomandazzjoni, wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali, f'direttiva li toħloq lista minima ta' mard okkupazzjonali u li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għar-rikonoxximent tagħhom u kumpens adegwat għall-individwi kkonċernati;
29. Jagħraf li meta jiġu indirizzati r-riskji psikosoċjali, l-ispettorati nazzjonali tax-xogħol jista' jkollhom rwol importanti billi jinfurzwaw interventi preventivi u/jew korrettivi fil-kuntest tax-xogħol; jappella lill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol taħdem fuq strateġija komuni għall-ispettorati nazzjonali tax-xogħol biex jiġu indirizzati r-riskji psikosoċjali, inkluż it-tfassil ta' qafas komuni li jkopri l-evalwazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali u li jipprovdi għall-ħtiġijiet differenti ta' taħriġ tal-ispetturi tax-xogħol;
30. Jirrimarka li l-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 jinnota għustament il-ħtieġa li jsiru l-bidliet fl-ambjent tax-xogħol sabiex jiġu indirizzati l-perikli tal-benesseri psikosoċjali, iżda jiffoka biss fuq interventi individwali, li hija parti limitata tal-mitigazzjoni tar-riskji psikosoċjali; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti ta' bażi komuni biex tiġi salvagwardjata s-saħħa mentali tal-ħaddiema kollha madwar l-UE, peress li dawn mhumiex protetti b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha – lanqas taħt il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE; jappella lill-Kummissjoni tippromovi, f'dan ir-rigward, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, direttiva dwar il-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol sabiex tipprevjeni b'mod effettiv ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, inkluż online, tipprovdi taħriġ għall-maniġment u l-ħaddiema, u minn żmien għal żmien tivvaluta l-progress u ttejjeb l-ambjent tax-xogħol; iqis li l-politiki ta' prevenzjoni dwar is-sigurtà u s-saħħa okkupazzjonali għandhom jinvolvu wkoll lis-sħab soċjali fl-identifikazzjoni u l-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali; jinnota li s'ħarriġ anonimu tal-impjegati bħal kwestjonarji u eżerċizzji oħra ta' għbir ta' data jista' jipprovdi informazzjoni utli dwar sa liema punt u r-raġunijiet għaliex l-impjegati huma stressjati, u jagħmilha aktar faċli għall-maniġment biex jidentifika kwistjonijiet u jagħmel aġġustamenti fejn meħtieġ;
31. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-aktar evidenza xjentifika u r-riċerka fis-saħħa mentali reċenti, speċjalment rigward il-potenzjal ta' approċċi innovattivi fit-trattament tas-saħħa mentali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssegwi mill-qrib u timmonitorja l-aħjar prattiki li diġà ġew implimentati b'suċċess f'dan il-qasam u

<sup>26</sup> EU-OSHA, *Telework and health risks in the context of the COVID-19 pandemic: evidence from the field and policy implications* (It-telexogħol u r-riskji għas-saħħa fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19: evidenza fuq il-post u implikazzjonijiet tal-politika), 22 ta' Ottubru 2021.

<sup>27</sup> ĠU L 238, 25.9.2003, p. 28.



tiffaċilita l-iskambju ta' dawk l-aħjar Prattiki fost l-Istati Membri; jappella lill-Istati Membri, b'mod partikolari, jiżguraw li għandhom kumitati effettivi dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol sabiex jipprovdu valutazzjonijiet tar-riskju aktar frekwenti u preċiżi u jsaħħu l-prerogattivi tal-kumitati eżistenti tas-saħħa u s-sikurezza billi jagħtu id-dritt li jinwoka għarfien espert estern, inklużi evalwazzjonijiet indipendenti minn partijiet terzi tal-esponiment għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

32. Iqis li huwa essenzjali li l-manigġers jingħataw it-taħriġ psikosoċjali meħtieġ biex jadattaw għall-prattiki tal-organizzazzjoni tax-xogħol u jrawmu fehim profond tas-saħħa mentali ħażina fil-post tax-xogħol; iqis li huwa daqstant ieħor essenzjali li l-ħaddiema jingħataw ukoll it-taħriġ rilevanti dwar il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol; iħeġġeġ lil min iħaddem irawwem approċċ, politiki u Prattika pożittivi għas-saħħa u l-benesseri mentali okkupazzjonali tajbin; jenfasizza, għal dan il-għan, li l-kumpaniji jistgħu jikkunsidraw li jqabdu u jħarrġu impjegat ta' referenza għas-saħħa mentali jew li jpoġġu taqsima ddedikata fuq il-pjattaforma ta' komunikazzjoni interna għall-post tax-xogħol tagħhom b'informazzjoni li torjenta lill-impjegati fid-direzzjoni tas-servizzi tas-saħħa mentali; jemmen li s-sħab soċjali jista' jkollhom rwol ċentrali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dan it-taħriġ u jenfasizza l-ħtieġa partikolari li l-ispettorati tax-xogħol jingħataw taħriġ biex jiżguraw li jkunu jistgħu jiproteġu b'mod adegwat lill-ħaddiema;
33. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħrfu u jissensibilizzaw dwar l-impatt fuq is-saħħa mentali tal-ħaddiema li jsufri minn mard newroloġiku prevalenti ħafna u diżabilitanti bħall-emigranja; jinnota l-importanza li ssir sensibilizzazzjoni fuq il-post tax-xogħol dwar l-importanza tal-identifikazzjoni u l-prevenzjoni tal-emigranja billi jiġu evitati l-elementi li jiskattawhom;
34. Jappella lill-ispettorati tax-xogħol fl-UE jiffukaw fuq l-ambjent tax-xogħol psikosoċjali fl-ispezzjonijiet tagħhom; jistieden lill-Kumitat ta' Spetturi Anzjani fuq ix-Xogħol biex iressaq kampanja ġdida dwar ir-riskji psikosoċjali li tibni fuq is-sejbiet tal-kampanja tal-2012 u l-iżviluppi aktar reċenti;

### ***Dinja moderna tax-xogħol għall-benesseri tal-ħaddiema***

35. Jissottolinja li minħabba n-nuqqas ta' appoġġ u ta' politiki tas-saħħa mentali suffiċjenti fuq il-post tax-xogħol, l-impjegati spiss ikollhom jiddependu fuq servizzi privati li wieħed diffiċli jaffordjahom u fuq is-servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u l-faċilitajiet tal-isptar nazzjonali, li sikwit ikollhom listi twal ta' stennija u anke huma jkollhom nuqqas ta' appoġġ u riżorsi; jappella li l-postijiet tax-xogħol jiżguraw li l-impjegati jkollhom appoġġ u rimedji tas-saħħa mentali aċċessibbli, professjonali u imparzjali, bir-rispett dovut għall-privatezza u l-kunfidenzjalità tal-ħaddiema, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-kura tas-saħħa pubblika tinkludi aċċess faċli għal konsulenza remota;
36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tnedi inizjattivi ta' edukazzjoni u għarfien dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol u fil-kurrikuli edukattivi, u jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimmobilizzaw il-fondi tal-UE lejn l-istabbiliment ta' pjattaformi u applikazzjonijiet diġitali tas-saħħa mentali; jappella lill-Kummissjoni teżamina l-

fattibbiltà li jiġi stabbilit numru tat-telefon ta' għajnuna komuni tal-UE għall-appoġġ tas-saħħa mentali; jappella lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tipprovdi baġit adegwat għall-programmi rilevanti tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiddeżinja l-2023 bħala s-Sena tal-UE għas-Saħħa Mentali Tajba sabiex twettaq l-inizjattivi ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa mentali msemmija hawn fuq;

37. Jappella lill-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħra jkollhom biżżejjed persunal u riżorsi pubbliċi biex jipprovdu appoġġ u servizzi għas-saħħa mentali lil dawk kollha li jeħtiġuhom;
38. Jirrikonoxxi li n-nuqqas ta' statistika dwar il-prevalenza ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali fil-post tax-xogħol b'mod speċjali fl-SMEs u fost is-sidien tal-SMEs u dawk li jaħdmu għal rashom, idgħajef il-ħtieġa ta' intervent urġenti; jappella lill-Istati Membri, lill-Eurostat, lill-istituzzjonijiet pubbliċi, lill-esperti, lis-sħab soċjali u lill-komunità tar-riċerka jikkollaboraw u jiġbru data aġġornata dwar ir-riskji relatati max-xogħol għal mard mentali u l-impatti negattivi tagħhom, diżaggregata skont il-ġeneru u aspetti rilevanti oħra, kif ukoll data dwar l-effikaċja tat-tipi differenti ta' interventi sabiex tiġi promossa saħħa mentali aħjar fuq il-post tax-xogħol b'mod armonizzat;
39. Jappella lill-Istati Membri jivvalutaw il-possibbiltà li joħolqu servizzi ta' intermedjazzjoni fil-livell lokali jew reġjonali għar-riskji psikosoċjali, li għandhom jipprovdu pariri u appoġġ tekniku lil dawk li jaħdmu għal rashom, lil min iħaddem, lill-manigiers u lill-ħaddiema f'mikrointrapriżi u fl-SMEs dwar il-prevenzjoni tar-riskju psikosoċjali, dwar il-kunflitti psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll biex ixerrdu informazzjoni dwar ir-riskji psikosoċjali u l-prevenzjoni tagħhom; jinsab imħasseb li l-intraprendituri u l-SMEs għandhom bżonn appoġġ partikolari biex jimmaniġġjaw l-impatt tal-pressjoni u l-fatturi li jikkawżaw l-istress ta' kuljum, u biex jipromwovu l-kuxjenza dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, u jappella għal inizjattivi tal-UE biex jgħinuhom fil-valutazzjoni tar-riskju, fil-prevenzjoni, fil-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' Prattiki tajba; jenfasizza r-rwol tal-EU-OSHA f'li tipprovdi lill-mikrointrapriżi u lill-SMEs l-għodod u l-istandards li jeħtieġu biex jivvalutaw ir-riskji għall-forza tax-xogħol tagħhom u jimplimentaw miżuri ta' prevenzjoni adegwati; iqis li l-EU-OSHA għandha tissaħħaħ f'dan ir-rigward sabiex tipromwovi aħjar postijiet tax-xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri madwar l-UE u tiżviluppa aktar inizjattivi biex itejbu l-prevenzjoni fuq il-post tax-xogħol fis-setturi ta' attività kollha;
40. Jirrimarka li s-saħħa mentali taż-żgħażaġh marret konsiderevolment għall-aġhar matul il-pandemija, u l-aktar li kienu affettwati b'mod sever kienu ż-żgħażaġh nisa u ż-żgħażaġh f'sitwazzjonijiet marġinalizzati; jiddispjaċih li ż-żgħażaġh mhumiex iċ-ċentru tal-investimenti fir-riċerka dwar is-saħħa mentali, minkejja l-benefiċċji prevedibbli fit-tul ta' intervent bikri; jirrimarka li 64 % taż-żgħażaġh bejn it-18 u l-34 sena kienu f'riskju ta' dipressjoni fl-2021 minħabba nuqqas ta' impjieg, ta' prospetti finanzjarji u edukattivi, kif ukoll minħabba s-solitudni u l-iżolament soċjali; jisħaq li waħda mill-aħjar għodod biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' saħħa mentali<sup>28</sup> fost iż-żgħażaġh hija

---

<sup>28</sup> OECD, *Supporting young people's mental health through the COVID-19 crisis* (Appoġġ għas-saħħa mentali taż-żgħażaġh tul il-kriżi tal-COVID-19), 12 ta' Mejju 2021, u Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, *Beyond Lockdown: the 'pandemic scar' on young people* (Lil hinn mil-lockdown: il-"ferita tal-pandemija" fuq iż-żgħażaġh), 17 ta' Ġunju 2021.

li jiġu pprovduti bi prospetti sinifikanti għal edukazzjoni u impjieg ta' kwalità tajba; jappella lill-Kummissjoni tindirizza t-tfixkil fl-aċċess għas-suq tax-xogħol li poġġa liż-żgħażaġh f'riskju akbar li jesperjenzaw disturbi ta' saħħa mentali u tiegħu azzjoni biex tappoġġa liż-żgħażaġh biex jaċċessaw u jżommu impjieg adegwat;

41. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mal-Parlament u b'rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, jipproponu qafas legali komuni biex tiġi żgurata remunerazzjoni ġusta għat-traineeships u l-apprendistati sabiex jiġu evitati prattiki ta' sfruttament; jappella lill-Kummissjoni tiżviluppa rakkomandazzjoni biex tiżgura li t-traineeships, l-apprendistati u l-kollokamenti f'impjieg jgħoddu bħala esperjenza tax-xogħol u konsegwentement jagħtu aċċess għall-benefiċċji soċjali;

o

o o

42. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-rapport jindirizza r-rikonossiment politiku li kellu jsir żmien ilu dwar il-kriżi tas-saħħa mentali taċ-ċittadini fl-UE li qeġhdin naffaċċjaw. In-nuqqas ta' servizzi, appoġġi u investimenti effiċjenti tas-saħħa mentali madwar l-Istati Membri rriżulta fi kwistjonijiet ta' saħħa mentali mifruxa u rati allarmanti ta' suwiċidju matul għexieren ta' snin. Anke qabel il-pandemija tal-COVID-19, l-għadd kbir ta' ċittadini affettwati bis-saħħa mentali kien inkwetanti, fil-biċċa l-kbira tagħhom minħabba l-iskonnessjoni bejn l-edukazzjoni, is-saħħa, l-ekonomija, l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali u l-faqar. Għalhekk, hemm ħtieġa qawwija ta' Strateġija komprensiva tal-UE dwar is-Saħħa Mentali, li tiegħu approċċ trasversali għall-kwistjonijiet tas-saħħa mentali.

Il-pandemija ħalliet impatt drammatiku inkredibbli fuq il-ħajja ta' miljuni ta' Ewropej, u żiedet l-effetti tas-saħħa mentali, u rriżultat f'rati oġhla ta' stress, ansjetà u dipressjoni. Billi s-suwiċidju huwa t-tieni l-oġhla kawża ta' mewt ta' ċittadini taħt id-dsatax-il sena, is-saħħa mentali hija l-kriżi tas-saħħa Ewropea attwali tagħna. Wasal iż-żmien li dawn il-kwistjonijiet jittieħdu bis-serjetà u jiġi eżaminat x'azzjoni tal-UE tista' tittieħed. Jekk ninjoraw din is-sejħa ta' azzjoni se jiġu pperikolati, b'mod partikolari, il-ġenerazzjonijiet iżgħar tagħna li huma l-mexxejja u l-forza tax-xoġhol futuri tagħna.

Il-leġislazzjoni u l-politiki attwali fil-livell tal-UE f'dan il-qasam ma jindirizzawx il-kriżi dejjem tikber tas-saħħa mentali fil-forza tax-xoġhol tagħna. Billi, minħabba l-pandemija, ħafna ċittadini issa jqattgħu porzjon eċċessiv ta' ħajjithom, "konnessi" - mill-bogħod, max-xoġhol, dan kompli u se jkompli jikkontribwixxi għal saħħa mentali negattiva, permezz tal-eżawriment tax-xoġhol, il-fastidju, il-vjolenza, l-istigma u d-diskriminazzjoni. Huwa ta' importanza kbira li l-ħaddiema jkunu jistgħu jistennew livell xieraq ta' protezzjoni kemm għall-benesseri fiżiku kif ukoll dak mentali tagħhom.

Dak li qabel kien jidher impossibbli rriżulta f'mudelli differenti ta' xoġhol, għal min iħaddem u għall-impjegat. Il-vantaġġi tal-flessibilità akbar tat-telexoġhol u d-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xoġhol u l-Ħajja jiffavorixxu lil xi wħud, iżda hemm bżonn li tiġi aġġornata l-leġislazzjoni attwali dwar il-leġislazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali biex tirrispondi għar-realtajiet il-ġodda tal-era diġitali. M'għandux jitħalla f'idejn xi "fit" kumpaniji u pajjiżi li jiffaċilitaw Prattiki tajba tas-saħħa mentali; jeħtieġ li niżguraw li jiġu stabbiliti Prattiki kollettivi tax-xoġhol tas-saħħa mentali biex iservu ta' orjentazzjoni għall-forza tax-xoġhol tagħna.

L-ispejjeż ekonomiċi ta' mard mentali għall-Istati Membri ma jistgħux jiġu injorati, mhux biss l-ispiża tal-finanzjament tal-kura reattiva iżda wkoll il-produzzjoni ekonomika mitlufa meta l-ħaddiema ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fit-tmexxija ta' forza tax-xoġhol ambizzjuża. Il-prinċipju tal-prevenzjoni fuq il-post tax-xoġhol irid jiġi integrat b'mod formali fil-politiki fil-livelli tal-UE, nazzjonali u tal-kumpaniji.

Fl-aħħar mill-aħħar, hemm żieda fil-momentum għal azzjonijiet b'saħħithom li għandhom jittieħdu biex tiġi żgurata saħħa mentali aħjar fuq ix-xoġhol. Dan jeħtieġ edukazzjoni xierqa u inizjattivi ta' għarfien dwar is-saħħa mentali, taħriġ għal min iħaddem u riċerka u għbir ta' data aħjar fil-livell Ewropew. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, Sena tal-UE tas-Saħħa Mentali

Tajba fl-2023 tiżgura li l-UE tiffoka fuq il-kwistjonijiet prevalenti tas-saħħa mentali li jiffaċċjaw iċ-ċittadini tagħna.

Finalment, l-iżgurar li l-appoġġ u s-servizzi kollha tas-saħħa mentali disponibbli fuq il-post tax-xogħol ikunu indikati b'mod ċar, itaffi l-kwistjonijiet ta' stigma u diskriminazzjoni. It-trawwim ta' ambjenti fuq il-post tax-xogħol li jkunu ta' appoġġ kemm qabel kif ukoll wara kwistjonijiet ta' saħħa mentali huwa kruċjali biex jiġi evitat b'suċċess il-mard mentali. Għad hemm ħafna iktar li nistgħu nagħmlu kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-UE biex niproteġu lill-ħaddiema tagħna u nipromwovu l-importanza ta' saħħa mentali pożittiva.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	14.6.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 38 -: 2 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Atidzhe Alieva-Veli, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Jordi Cañas, David Casa, Leila Chaibi, Ilan De Basso, Margarita de la Pisa Carrión, Estrella Durá Ferrandis, Rosa Estaràs Ferragut, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Alicia Homs Ginel, Miriam Lexmann, Elena Lizzi, Sara Matthieu, Max Orville, Sandra Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Guido Reil, Daniela Rondinelli, Mounir Satouri, Monica Semedo, Romana Tomc, Maria Walsh, Stefania Zambelli
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Konstantinos Arvanitis, Simona Baldassarre, Ilana Cicurel, Rosa D'Amato, Gheorghe Falcă, Krzysztof Hetman, Pierfrancesco Majorino, Antonius Manders
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mohammed Chahim, Carlo Fidanza, Martin Hojsik, Domènec Ruiz Devesa

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>38</b>	<b>+</b>
ECR	Carlo Fidanza, Elżbieta Rafalska
ID	Simona Baldassarre, Elena Lizzi, Stefania Zambelli
NI	Daniela Rondinelli
PPE	David Casa, Rosa Estaràs Ferragut, Gheorghe Falcă, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Krzysztof Hetman, Miriam Lexmann, Antonius Manders, Dennis Radtke, Romana Tomc, Maria Walsh
RENEW	Atidzhe Alieva-Veli, Jordi Cañas, Ilana Cicurel, Martin Hojsík, Max Orville, Monica Semedo
S&D	Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Mohammed Chahim, Ilan De Basso, Estrella Durá Ferrandis, Alicia Homs Ginel, Pierfrancesco Majorino, Domènec Ruiz Devesa
THE LEFT	Konstantinos Arvanitis, Leila Chaibi
VERTS/ALE	Rosa D'Amato, Sara Matthieu, Kira Marie Peter-Hansen, Mounir Satouri

<b>2</b>	<b>-</b>
ECR	Margarita de la Pisa Carrión
ID	Guido Reil

<b>1</b>	<b>0</b>
THE LEFT	Sandra Pereira

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni